C/2025/3233

13.6.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12025 — MITSUI / MOL / THE PORT OF NIGG BUSINESS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/3233)

1. Fl-4 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsui and Co. Europe Ltd ("Mitsui", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Mitsui & Co., Ltd (il-Ġappun),

— Mitsui O.S.K. Lines, Ltd. ("MOL", il-Ġappun),

— In-negozju tal-Port of Nigg (il-"Port of Nigg", ir-Renju Unit), ikkontrollat minn GEG Capital Holdings Limited.

Mitsui u MOL se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Port of Nigg.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Mitsui hija kumpanija tal-kummerċ, tal-ġestjoni tan-negozju u tal-iżvilupp tal-proġetti,

— MOL tiffoka fuq l-industrija tat-trasport fuq l-ilma fl-oċeani, inkluż it-trasport ta' tagħbija sfuża niexfa, tal-enerġija, u tal-prodotti kif ukoll fuq l-industrija tal-benesseri u l-istil ta' ħajja,

— Il-Port of Nigg jipprovdi port b'diversi forom ta' enerġija fil-Baħar tat-Tramuntana. Il-Port of Nigg jipprovdi prinċipalment servizzi għall-fabbrikazzjoni, l-assemblaġġ u l-manifattura, kif ukoll ġestjoni tal-proġetti, marshalling, servizzi tal-inġinerija u operazzjonijiet tal-faċilitajiet tal-port għall-industriji taż-żejt u tal-gass, nukleari, petrokimiċi, tas-CCUS (qbid, użu u ħżin tal-karbonju), tal-marea, tar-riħ fuq l-art u lil hinn mill-kosta u tal-enerġija ġdida.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12025 — MITSUI / MOL / THE PORT OF NIGG BUSINESS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË